

- 4) Leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tissuġġetta r-rimbors tal-VAT mogħti konformement mad-Direttiva [2008/9] għal kundizzjoni ta' eżiġibbiltà sa fejn il-fattura t-tajba tinħareġ matul il-perijodu li fiha saret l-applikazzjoni?

- (¹) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).
- (²) Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifuzzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/EC, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifuzzjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor (ĠU 2008, L 44, p. 23).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul București (ir-Rumanija) fit-12 ta' Frar 2020 – SC Mitliv Exim SRL vs Agenția Națională de Administrare Fiscală, Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

(Kawża C-81/20)

(2020/C 279/24)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul București

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Mitliv Exim SRL

Konvenuti: Agenția Națională de Administrare Fiscală, Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (¹), id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 325 TFUE, f'ċirkustanzi bħal dawk fit-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fit-tilwima fil-kawża prinċipali, li tippermetti l-adozzjoni jew l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sanzjoni fil-konfront ta' persuna taxxabbli li hija persuna ġuridika, kemm fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva kif ukoll fil-kuntest ta' proċedura kriminali, proċeduri li jsiru fl-istess waqt kontra, għall-istess atti materjali ta' evażjoni fiskali, sakemm is-sanzjoni li tirriżulta mill-proċedura amministrattiva tista' tkun ikkaratterizzata wkoll bħala ta' natura kriminali, konformement mal-kriterji stipulati mill-qorti Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha, u sa liema punt dawn il-passi kollha, ladarba jittieħdu flimkien, huma ta' natura eċċessiva fir-rigward tal-istess persuna taxxabbli?
- 2) Fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-Istat, permezz tal-awtoritajiet tat-taxxa tiegħu, ma jhux inkunsiderazzjoni l-istess fatti materjali ta' evażjoni fiskali, fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, tas-somma diġà mħallsa bħala dannu kriminali u li tirrappreżenta wkoll is-somma li tkopri d-dannu fiskali, li jagħmel din is-somma indisponibbli għal ċertu perijodu ta' żmien, sabiex sussegwentement jiġu stabbiliti wkoll fil-konfront tal-persuna taxxabbli, fil-proċedura amministrattiva, obbligi ta' taxxa anċillari għad-dejn diġà mħallas?

(¹) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Iulia (ir-Rumanija) fl-24 ta' Frar 2020 – Siebenburgisches Nugat SRL, Hans Draser Internationales Marketing vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov, Agenția Națională de Administrare Fiscală – Direcția Generală a Vămilor – Direcția Regională Vamală Brașov – Biroul Vamal de Interior Sibiu

(Kawża C-99/20)

(2020/C 279/25)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Alba Iulia